

Brussell, 9 ta' Frar 2026  
(OR. en)

5967/26

EF 23  
ECOFIN 149

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/... ta' ... dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE - Approvazzjoni

---

1. Fil-15 ta' Ottubru 2013 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1024/2013, li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.
2. L-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-kompiti kkonferiti lill-BĊE skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 huma fdati lill-Bord Superviżorju, magħmul mill-President, il-Viċi President, erba' rappreżentanti tal-BĊE u rappreżentant wieħed tal-awtorità kompetenti nazzjonali ta' kull Stat Membru parteċipanti. Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 ta lill-Kunsill is-setgħa li jaħtar il-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju.

3. Fit-22 ta' Frar 2021, il-Kunsill ħatar lis-Sur Frank ELDERSON bħala l-Viċi President tal-Bord Superviżorju permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/325<sup>1</sup> għal perjodu ta' ħames snin mill-24 ta' Frar 2021. Il-mandat tal-Viċi-President tal-Bord Superviżorju jintemm fit-23 ta' Frar 2026.
4. Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE, wara li sema' lill-Bord Superviżorju, ippropona li l-mandat tas-Sur Frank ELDERSON bħala Viċi President tal-Bord Superviżorju jiġi estiż sa tmiem il-mandat tiegħu bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, li jiskadi fl-14 ta' Diċembru 2028.
5. Fis-17 ta' Diċembru 2025, il-BĊE ppreżenta lill-Parlament Ewropew proposta għall-approvazzjoni biex jiġi estiż il-mandat tas-Sur Frank ELDERSON bħala Viċi President tal-Bord Superviżorju. Il-Parlament Ewropew approva dik il-proposta fl-10 ta' Frar 2026.
6. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument ST 5851/26.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/325 tat-22 ta' Frar 2021 dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 64, 24.2.2021, p. 6, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec\\_impl/2021/325/oj](http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/325/oj)).